**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 21 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 490/23 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 647/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom nhar l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn annessa u mmarkata Dok A

2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2022, hekk kif jirriżulta minn kuntratt taseparazzjoni bonarja in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn disaxhur legalment mifrudin minn ma' xulxin, illum għandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.

4. Illi l-partijiet ilhom separati de facto mid-data tas-separazzjoni.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad- divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

1. Illi huwa minnu lil-partijiet kienu zzewgu fl-ewwel ta’ April tas-sena elfejn u sbatax (1/4/2017), u miz-zwieg taghhom twieldet tifla wahda E D fid-9 ta’ Gunju 2018 u ghalhekk ghadha minuri;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt tas-separrazzjoni taghhom datat wiehed u ghoxrin ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (21/11/2022), fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana.

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn dak iz-zmien u qatt ma rrikjonciljaw.

4. Illi ma hemm l-ebda tama ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti peress illi l-manteniment ghat-tifla jithallas regolarment u m’hemmx manteniment ghal xulxin.

6. Illi hija ma toggezzjonax ghat-talba ghal hall taz-zwieg.

7. Illi hi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe E.

8. Illi m’ghandhiex thallas l-ispejjez tal-kawza, liema spejjez jistghu jkunu bla taxxa.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta’ Settembru 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata li fiiha talbet illi tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “E”;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tilqa` t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “E” u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha f’dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Novembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "E", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provedimenti kollha f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.